MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 12/2006

**Maltacom plc**

**vs**

**Charlie Saliba**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm244.97) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 215603719 (Acc. No. 10222490), liema servizz gie installat fil-falt bin-numru 48, Triq il-Knisja, Xewkija, Ghawdex, skond kif jidher mid-dokument hawn anness u immarkat bhala dokument “A”.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficjali numru 872/2005 spedita fil-21 ta' Novembru 2005, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni."

Ra l-eccezzjonijiet kif ivverbalizzati fis-seduta tal-25.04.2006 fejn apparti li afferma l-infondatezza tat-talbiet attrici, bla ma gie b'xi raguni ghall-istess, eccepixxa wkoll il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Ma hemmx dubbju li l-preskrizzjoni mqanqla hija dik applikabbli ghal kaz ta' servizz tat-telefon u dan kif affermat minn gurisprudenza kostanti. Mis-servizzi li taghhom qieghed jintalab il-hlas, ma hemm l-ebda wahda li tmur lura iktar minn hames snin mill-21 ta' Novembru 2005, data tal-prezentata tal-ittra ufficjali. Ghalhekk ma hemm l-ebda parti mill-kont kolpita mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Fil-mertu, l-kreditu gie sodisfacentement ippruvat. Il-konvenut talab li jinghata zmien ghall-hlas, u s-socjeta' attrici irrimettiet ruhha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM244.97 servizz tat-telefon numru 215603719 flimkien mal-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tal-21.11.2005. L-ammont dovut ghandu jithallas bir-rata ta' LM30 fix-xahar; l-ewwel pagament isir fl-1 ta' Lulju 2006 u l-pagamenti sussegwenti jsiru wkoll fl-ewwel jum ta' kull xahar, minghajr imghax. Jekk il-konvenut jonqos li jottempera ruhu mal-premess, l-ammont isir dovut kollu ipso facto u cjoe' minghajr ma' s-socjeta attrici jkollha l-htiega li tirrikorri ghal proceduri gudizzjarji ulterjuri, bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali fuq imsemmija sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------